MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 1393/2010

**J&C Contracts Ltd**

**Vs**

**Michael Bianco et**

**It-Tribunal,**

It-Tribunal wara li ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 t'Awissu, 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mitejn u disgha u ghoxrin (€2,229) jew somma verjuri rapprezentanti rifuzjoni ta' flejjez imhallsa indebitament mis-socjeta' attrici lill-konvenuti jew minn minnhom in konnessjoni ma' xoghol ta appalt.

Bl-ispejjez inkluzi hamsa u ghoxrin ewro (€25) tal-ittra legali u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tan-notifika ta' dan l-att kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Il-konvenuti pprezentaw risposta taghhom fl-14 ta' Settembru, 2010 fejn eccepew illi t-talbiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenuti qed jigu kkontestati stante illi huma nfondati fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dana peress illi l-konvenuti m'ghandhom ihallsu l-ebda ammont.

Xehed Joseph Chetcuti permezz ta' affidavit fejn spjega illi hu d-Direttur tal-kumpanija attrici li taghmel xoghol ta' kostruzzjoni fl-industrija tal-bini. Hu kien iqabbad lill-konvenuti sabiex jaghmulu xi xoghol bhala bennejja. Dan ix-xhud elenka l-prezzijiet miftiehem mal-bennejja tieghu u qal ukoll illi kien hemm qbil fuq dawn l-ammonti. Dan ix-xhud jghid illi kellu sebgha bennejja u kien ihallas lill-bennejja kull gimgha akkont tax-xoghol peress illi jkun ghad m'hemmx kejl. Imbaghad il-bennejja kienu jiltaqghu mal-perit u jsir il-kejl. Wara kienu jitnaqqsu dak li Chetcuti jkun hallas jew jekk ikun hallas izzejjed jiehu llura. Qatt ma' kien hemm tilwim dwar rati jew hlasijiet.

Wara li l-Perit Robert Naudi mar jaghmel il-kejl irrizultalu illi Chetcuti kien hallas lil konvenuti l-ammont ta' elfejn mitejn u disgha u ghoxrin ewro (€2,229) zejjed. Wara li gew avvicinati l-konvenuti qatt ma riedu jhallsu l-ammont lura. Giet ipprezentata lista ta' hlasijiet li ghamel pero firma hemm ta' Chetcuti biss. La giet ipprezentata prova ta' kemm hallas permezz tal-mamma tac-cekkijiet jew numri tac-cekkijiet u lanqas xi firma tal-konvenut hdejn l-ammont imhallas. Minkejja dan il-konvenut lanqas ikkontesta l-ammont li thallas imma qal biss li mhux talli ma thallasx zejjed imma kien ghad fadallu jiehu xi ammont u cioe iktar minn mitejn lira Maltija (Lm200) u cioe' ekkwivalenti ghal erbgha mija hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenien centezmu (€465.87), liema ammont ma kienx ser jinsisti jew jipprocedi fuqu.

Il-Perit Robert Naudi ipprezenta set ta' kejl illi ghamel. Il-Perit qal illi dawn il-kejl ghamilhom fil-prezenza ta' Bianco pero ma jgharafx lill-Bianco ma jafx jekk kienx hu. It-Tribunal isibha difficli li jemmen li jekk verament ha l-kejl fil-prezenza tieghu ma jgharfux tenut kont illi l-

kumpanija attrici kellha sebgha bennejja biss. Filfatt il-konvenut jghid illi ma kienx hemm meta ttiehed il-kejl. Dan il-kejl allura jigi kejl illi Chetcuti ta' struzzjoni lill-Perit biex ikejjel minghajr is-supervizjoni tal-bennej biex jaccerta li tkejjel kollox. Fuq dan il-konvenut jghid illi hemm post nieqes.

Il-konvenut min-naha tieghu naqas milli jgib provi dwar liema post hemm nieqes u ta' kemm hadem u ghalhekk it-Tribunal kellu joqghod fuq il-kredibilita tax-xhieda meta telghu fuq il-pedana tax-xhieda u mill-affidavitipprezentat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jichad it-talbiet attrici stante illi ma gewx sodisfacentement ippruvati.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------